jiġifieri f'terminu ta' tliet snin, li minħabba f'hekk, il-ġbir ma kienx possibbli u li, konsegwentement, ir-riżorsi proprji ma setgħux jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

(1) Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża u l-adattamenti fit-Trattat (ĠU 1985, L 302, p. 23).
(2) Deċiżjoni tal-Kunsill 85/257/KEE, Euratom, tas-7 ta' Mejju 1985, dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunità (ĠU L 128, p. 15).
(3) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 579/86, tat-28 ta' Frar 1986, li jistabbilixxi r-regoli relatati mal-ħażniet ta' prodotti tas-settur taz-zokkor li jirriżultaw fl-1 ta' Marzu 1986 fi Spanja u fil-Portugall (ĠU L 57, p. 21).
(4) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1697/79, tal-24 ta' Lulju 1979, dwar l-irkupru *a posteriori* tad-dazji fuq l-importazzjoni jew tad-dazju fuq l-esportazzjoni li ma ntalbux lura mingħand id-debitur għal merkanzija ddikjarata minn sistema doganali li timplika l-obbligu ta' ħlas tal-imsemmija dazji (ĠU L 197, p. 1).
(5) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunitajiet (ĠU L 155, p. 1).
(6) Ġabra p. I-7511.
(7) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2670/81, tal-14 ta' Settembru 1981, li jippreskrivi regoli dettaljati ta' implimentazzjoni rigward il-produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 5, p. 85).
(8) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3771/85, tal-20 ta' Diċembru 1985, dwar il-ħażniet ta' prodotti agrikoli li jinsabu fil-Portugall (ĠU L 362, p. 21).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van Koophandel te Gent (il-Belġju) fid-19 ta' Lulju 2012 — Euronics Belgium CVBA vs Kamera Express BV & Kamera Express Belgium BVBA

**(Kawża C-343/12)**

(2012/C 303/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Rechtbank van Koophandel te Gent

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Euronics Belgium CVBA

*Konvenuti:* Kamera Express BV, Kamera Express Belgium BVBA

### Domandi preliminari

(1) L-Artikolu 101 tal-liġi dwar il-prattiki tas-suq u l-protezzjoni tal-konsumaturi, li, fost l-oħrajn, huwa intiż li jipproteġi l-interessi tal-konsumaturi u li jipprovdi kif ġej:

"Artikolu 101(1) L-ebda impriża ma tista' toffri għal bejgħ jew tbigħ beni b'telf.

Bejgħ b'telf huwa bejgħ bi prezz li ma huwiex, minn tal-inqas, daqs il-prezz li bih l-impriża xtrat il-beni jew il-prezz li għandha tħallas l-impriża għar-rifforniment tal-beni, wara li jkunu tnaqqsu kwalunkwe skontijiet li ngħataw definittivament. Sabiex jiġi ddeterminat jekk bejgħ huwiex bejgħ b'telf, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iskontijiet li jkunu ngħataw, esklużivament jew le, bi skambju għall-impenji tal-impriża minbarra x-xiri tal-beni",

huwa inkompatibbli mad-Direttiva 2005/29/KE (1) sa fejn jipprekludi bejgħ b'telf, meta jidher li l-imsemmija direttiva ma tipprekludix tali prattiki ta' bejgħ u li l-leġiżlazzjoni Belġjana tista' tkun iktar stretta mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/29/KE, liema sitwazzjoni hija pprojbita mill-Artikolu 4 ta' din id-direttiva?

(1) Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 22)

## Appell ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2012 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) mogħtija fl-4 ta' Mejju 2012 fil-Kawża T-529/09: Sophie in 't Veld vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-350/12 P)**

(2012/C 303/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Berman, B. Driessen, Cs. Fekete, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Sophie in 't Veld, Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellant

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali;

— tagħti deċiżjoni finali dwar il-kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' dan l-appell;

u

— tikkundanna lir-rikorrenti fil-Kawża T-529/09 għall-ispejjeż tal-Kunsill li jirriżultaw minn dik il-kawża u minn dan l-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Dan l-appell jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-eċċezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali u għall-protezzjoni tal-pariri legali. Dawn l-eċċezzjonijiet huma stabbiliti rispettivament f'eċċezzjoni assoluta għad-dritt għall-aċċess pubbliku fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) u f'eċċezzjoni kkwalifikata għad-dritt ta' aċċess pubbliku fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-regolament (1).

Il-Kunsill isostni li l-Qorti Ġenerali, fl-interpretazzjoni tagħha tal-imsemmija eċċezzjonijiet, wettqet erba' żbalji.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali hija żbaljata meta ssostni li nuqqas ta' ftehim dwar l-għażla ta' bażi legali ma jistax jippreġudika l-interessi tal-UE fir-relazzjonijiet internazzjonali (**l-ewwel parti tal-ewwel motiv**). Kwistjonijiet dwar il-kompetenza tal-Unjoni u dwar l-għażla tal-bażi legali bejn l-istituzzjonijiet huma marbuta mill-qrib mal-kunflitti dwar is-sustanza tal-ftehim internazzjonali. Kwistjonijiet dwar il-kompetenza bejn l-istituzzjonijiet jistgħu barra minn hekk ikollhom impatt fuq il-pożizzjoni ta' nnegozjar tal-UE, u jaffettwaw ħażin il-kredibbiltà tagħha bħala sieħba negozjatriċi u jippreġudikaw ir-riżultat tan-negozjati.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali applikat l-istandard żbaljat ta' reviżjoni u ssostitwiet l-evalwazzjoni tal-Kunsill dwar is-sinjifikat għar-relazzjonijiet internazzjonali tad-dokument ikkonċernat b'dik tagħha stess (**it-tieni parti tal-ewwel motiv**). Fir-rigward tal-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-relazzjonijiet internazzjonali, l-istandard ta' reviżjoni huwa dak li jagħti "diskrezzjoni wiesgħa" lill-istituzzjoni kkonċernata iktar milli jobbliga li tiġi ppruvata dannu "reali u speċifika". Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta għamlet reviżjoni sħiħa tar-raġunijiet tal-Kunsill bl-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-ħsara "attwali u speċifika", u b'hekk issostitwiet l-evalwazzjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi tal-politika barranija tal-ħruġ pubbliku tad-dokument bl-evalwazzjoni tagħha stess.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tikkunsidra kemm il-kontenut sensittiv tal-opinjoni legali mitluba u ċ-ċirkustanzi speċifiċi prevalenti fiż-żmien li ntalab l-aċċess (**l-ewwel parti tat-tieni motiv**). Il-kwistjoni li ġiet ittrattata fl-opinjoni legali tirrigwarda negozjati internazzjonali sensittivi li kienu għadhom għaddejjin fil-mument tat-talba għall-aċċess, fejn interessi essenzjali u vitali fil-qasam tal-kooperazzjoni transatlantika dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-finanzjament tat-terroriżmu kienu involuti u fejn il-kwistjoni tal-għażla tal-bażi legali indirizzata fl-opinjoni legali kienet is-suġġett ta' nuqqas ta' qbil bejn l-istituzzjonijiet. Il-Qorti Ġenerali injorat dawn il-karatteristiċi speċifiċi tal-parir legali.

L-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali b'mod żbaljat assimilat l-innegozjar u l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali mal-attivitajiet leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-test tal-interess pubbliku superjuri (**it-tieni parti tat-tieni motiv**). B'hekk, il-Qorti Ġenerali injorat id-differenzi importanti bejn l-innegozjar ta' ftehim internazzjonali, fejn il-parteċipazzjoni pubblika hija neċessarjament ristretta fid-dawl tal-interessi strateġiċi u tattiċi involuti, u l-konklużjoni u t-traspożizzjoni ta' dawn il-ftehim.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja) fl-1 ta' Awwissu 2012 — Miguel Fradera Torredemer et vs Corporación Uniland, S.A.

**(Kawża C-364/12)**

(2012/C 303/30)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Audiencia Provincial de Barcelona (Spanja)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Miguel Fradera Torredemer, María Teresa Torredemer Marcet, Enrique Fradera Ohlsen u Alicia Fradera Torredemer

*Konvenuta:* Corporación Uniland, S.A.

**Domandi preliminari**

(1) Leġiżlazzjoni bħad-Digriet Irjali 1373/2003, tas-7 ta' Novembru 2003, li jistabbilixxi l-iskala tal-onorarji tal-prokuraturi legali, leġiżlazzjoni li tissuġġetta l-ħlas tagħhom għal skala tal-onorarji minima li tista' tiżdied jew titnaqqas biss bi 12 %, hija kompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE (li kien l-Artikolu 81 tat-Trattat KE, moqri flimkien mal-Artikolu 10 tiegħu) u mal-Artikolu 4(3) TUE meta l-awtoritajiet tal-Istat Membru, inkluż il-qrati tiegħu, ma għandhomx il-possibbiltà effettiva li jidderogaw mit-tariffi minimi stabbiliti mill-iskala tal-onorarji legali f'każ ta' ċirkustanzi straordinarji?

(2) Sabiex tkun tista' ssir deroga mill-onorarji minimi previsti mill-iskala tal-onorarji kkontestata, sproporzjon sinjifikattiv bejn ix-xogħol effettivament imwettaq mill-prokuratur legali u l-ammont tal-onorarji pagabbli skont din l-iskala jista' jitqies bħala ċirkustanza straordinarja?

(3) Id-Digriet Irjali 1373/2003, tas-7 ta' Novembru 2003, li jistabbilixxi l-iskala tal-onorarji tal-prokuraturi legali huwa kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE (li kien l-Artikolu 49 KE)?

(4) Din il-leġiżlazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' neċessità u ta' proporzjonalità stabbiliti fl-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123/KE [1]?

(5) Id-dritt għal smigħ xieraq stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jinkludi d-dritt li wieħed jikkontesta effettivament l-onorarji tal-prokuratur legali meta dawn ikunu sproporzjonalment għolja u ma jikkorrispondux max-xogħol effettivament imwettaq?